**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 17 TA' GUNJU, 2002.**

**Avviz Nru: 818/02 AJD**

**Alfred Mizzi.**

**vs**

**Sammy Mifsud.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' April, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u disa' u sittin lira Maltin u erba' u disghin centezmu (Lm669.94) rappresentanti hlas dovut mill-konvenut ghal xoghol li sar mill-attur fuq trukk tal-marka Leyland fuq inkariku tal-istess konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut, ghalkemm debitament notifikat, baqa' ma deherx u l-

anqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Frank Cassar, in rappresentanza tal-attur, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ sitt mija u disa’ u sittin lira Maltin u erba’ u disghin centezmu (Lm669.94), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**